Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)
Gurisdizzjoni Superjuri
Sezzjoni Generali

Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A. Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.

Seduta tal-lum l-Erbgha, 18 ta' Ottubru 2017

Rikors Guramentat numru:- 65/2017 (JVC)

**APS Bank Limited (C2192)**

**Vs**

**John Pace u Salvina Pace**

Il-Qorti;

Permezz ta' din il-kawza s-socjeta' attrici qeghda tecepixxi:

1. Illi l-intimati huma debituri solidalment bejniethom taghha fis-somma komplessiva ta' erba' mija sitta u sittin elf, mitejn u sitta u hamsin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€466,256.88) in kwantu ghas-somma ta' erba' mija tmienja u erbghin elf, mija u tmenin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€448,180.88) rapprezentanti bilanc ta' debitu relattiv ghall-*Overdraft Account* bin-numru 2000079906-7 [Statement of Account hawn anness u mmarkat bhala Dok APS1] flimkien mas-somma ta' tmintax-il elf u sitta u sebghin ewro (€18,076) rapprezenatnti bilanc ta' debitu relatttiv ghall-I*nterest Disposal Account* bin-numru 2000179257-1 [Statement of Account hawn anness u mmarkat bhala Dok APS2] u dan oltre l-imghax fir-rigward tal-*Overdraft Account* bin-numru 2000079906-7 mill-ewwel (1) ta' Lulju 2017 sad-data tal-pagament effettiv.

2. Illi ghalhekk l-intimati solidalment bejniethom, huma debituri tas-socjeta' rikorrenti fl-ammont ta' erba' mija sitta u sittin elf, mitejn u

sitta u hamsin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€466,256.88) oltre l-imghax ulterjuri mill-ewwel ta' Lulju 2017 sad-data tal-pagament effettiv.

3. Illi l-imsemmi ammont komplessiv huwa dejn cert, likwidu u dovut mill-intimati lis-socjeta' rikorrenti u fil-fehma tas-socjeta' rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, billi fil-fehma ta' l-istess socjeta' rikorrenti, l-intimati m'ghandhom l-ebda eccezzjoni xi jressqu kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont komplessiv.

4. Illi ghalkemm l-intimati gew interpellati sabiex ihalsu l-ammont komplessiv hawn fuq imsemmi permezz tal-ittra ufficjali hawn annessa u mmarkata bhala Dok APS3, huma baqghu nadempjenti.

5. Illi s-socjeta' rikorrenti ntavolat Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju fil-konfront tal-istess intimati kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat.

6. Illi r-rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment.

7. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Is-socjeta' rikorrenti talbet lil din l-Onorabbli Qorti, joghgobha, dispensat is-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-Artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

1. Tiddikjara li l-intimati solidalment bejniethom huma debituri tas-socjeta' rikorrenti fis-somma komplessiva ta' erba' mija sitta u sittin elf, mitejn u sitta u hamsin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€466,256.88) in kwantu ghas-somma ta' erba' mija tmienja u erbghin elf, mija u tmenin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€448,180.88) rapprezenatnti bilanc ta' debitu relattiv ghall-*overdraft Account* bin-numru 2000079906-7 flimkiien mas-somma ta' tmintax-il elf u sitta u sebghin ewro (€18,076) rapprezentanti bilanc ta' debitu relattiv ghall-*Interest Disposal Account* bin-numru 2000179257-1 u dan oltre l-imghax fir-rigward

tal-*Overdraft Account* bin-numru 2000079906-7 mill-ewwel (1) ta' Lulju 2017 sad-data tal-pagament effettiv.

2. Tikkundanna u tordna lill-intimati solidalment bejniethom sabiex ihalsu lis-socjeta' rikorrenti s-somma komplessiva ta' erba' mija sitta u sittin elf, mitejn u sitta u hamsin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€466,256.88).

Bl-ispejjez kontra l-intimati in solidum bejniethom, inkluz dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 307/17 u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-verbal tat-18 ta' Settembru 2017 fejn l-intimati rregistraw ammissjoni.

Rat illi fl-istess verbal il-bank rikorrenti iddikjara wkoll kif isegwi:

Dr Ian Vella Galea in vista ta' l-ammissjoni tad-debitur u bi qbil ma' l-istess jaqbel illi t-titolu ezekuttiv li ser jigi f'idejn il-bank ma jkunx esegwit bil-procedura ta' subbasta qabel l-ahhar ta' Frar 2018.

Fic-cirkostanzi;

Il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici u dan billi taqta' u tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smiegh, ai termini ta' l-artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tghaddi sabiex:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-intimati solidalment bejniethom huma debituri tas-socjeta' rikorrenti fis-somma komplessiva ta' erba' mija sitta u sittin elf, mitejn u sitta u hamsin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€466,256.88) in kwantu ghas-somma ta' erba' mija tmienja u erbghin elf, mija u tmenin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€448,180.88) rapprezenatnti bilanc ta' debitu relattiv ghall-*overdraft Account* bin-numru 2000079906-7 flimkien mas-somma ta' tmintax-il elf u sitta u sebghin ewro (€18,076) rapprezentanti bilanc ta' debitu relattiv ghall-*Interest*

*Disposal Account* bin-numru 2000179257-1 u dan oltre l-imghax fir-rigward tal-*Overdraft Account* bin-numru 2000079906-7 mill-ewwel (1) ta' Lulju 2017 sad-data tal-pagament effettiv.

2. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna u tordna lill-intimati solidalment bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta' rikorrenti s-somma komplessiva ta' erba' mija sitta u sittin elf, mitejn u sitta u hamsin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€466,256.88).

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati in solidum bejniethom, inkluz dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 307/17 u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat.

(ft.) Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur